**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

***SMALL CLAIMS TRIBUNAL***

# GUDIKATUR: DR ANTHONY ELLUL LL.D.

## SEDUTA TA' NHAR IT-TLIETA 21 TA' MEJJU, 2002

**Numru: 11**

**Avviz Nru: 561/02 AE**

**Citadel Insurance plc**

**Vs**

**Mifsud Brothers Ltd u b'digriet moghti Fil-21 ta' Frar 2002, l-isem Mifsud Brothers Ltd gie mhassar u sostitwit bl-isem Mifsud Investment Limited u Ronald Mifsud gie Msejjah fil-kawza**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta attrici talbet il-hlas tas-somma ta' elf mija u wiehed u tmenin lira Maltija u ghoxrin centezmu (Lm1,181.20), bilanc mill-prezz ta' diversi *premiums* dovuti fuq poloz ta' assikurazzjoni mahruga.

Ra r-risposta prezentata mis-socjeta konvenuta (fol. 11) li permezz taghha eccepiet li:

1. Is-socjeta konvenuta m'hijiex il-legittimu kontradittur fil-meritu tal-kawza.

2. It-tabliet tal-atturi ghandhom jigu michuda fil-fatt, fid-dritt u fil-meritu stante illi l-ammont pretiz m'huwiex dovut.

Ra d-digriet moghti mit-Tribunal fil-21 ta' Frar 2002 (fol. 91) u li permezz tieghu gie ordnat:

1. Korrezzjoni fl-avviz tat-talba fis-sens li isem il-kumpannija Mifsud Brothers Ltd gie mhassar u sostitwit bl-isem Mifsud Investment Limited.

2. Il-kjamat fil-kawza ta' Ronald Mifsud.

Ra li kemm Mifsud Investment Limited u Ronald Mifsud gew debitament notifikati bl-avviz tat-talba u kkontestaw it-talba fis-sens li m'humiex il-legittimu kontradittur (fol. 101 u 103).

Semgha x-xhieda li tressqu mill-partijiet.

Ra l-atti tal-kawza.

Ikkunsidra:

1. It-talba tas-socjeta attrici hija ghall-hlas tas-somma ta' elf mija u wiehed u tmenin lira Maltija u ghoxrin centezmu (Lm1,181.20) hlas ta' premium dovut fuq poloz ta' assigurazzjoni.

2. Fis-seduta tad-19 ta' Ottubru 2001 xehdet Romina Chircop (fol. 19 – 21), impjegata mas-socjeta attrici bhala *credit controller*. Ix-xhud ikkonfermat li l-ammont mitlub ghadu dovut.

3. Mill-atti jirrizulta li s-socjeta konvenuta kienet qeghda tippretendi li l-hlas ma kellux isir minhabba claim li saret fuq il-vettura MAT 145 li kient involuta f'incident tat-traffiku (ara f'dan ir-rigward ittra mibghuta mill-imsejjah fil-kawza datata 10 ta' Awissu 1998 – fol. 16). Jirrizulta wkoll li din il-claim kienet ghamlet tajjeb ghaliha s-socjeta attrici (ara formola tas-surroga a fol. 15 tal-process u datata 7 ta' Frar 2000). Ghalhekk it-talba tas-socjeta attrici ghall-hlas hija gustifikata.

4. Tibqa' l-kwistjoni ta' min hu responsabbli ghall-hlas pretiz. Mill-atti jirrizulta li kien deher avviz fil-Gazzetta tal-Gvern datat 7 ta' Awissu 1998, fejn jinghad li l-kumpannija Mifsud Brothers Ltd inqasmet bejn il-kumpanniji Mifsud

investments Ltd (C23023), Oriel Limited (C9176), St. Cahterine Ltd (C9177) u Abberbury Ltd (C9175).

5. L-ismejjah fil-kawza Ronald Mifsud xehed permezz ta' affiavit (fol. 25) u ddikjara: *"jiena kont direttur tas-socjeta Mifsud Brothers Limited li kienet iggib in-numru ta' registrazzjoni C 6174. Nispejga li din is-socjeta m'ghadhiex tezisti. Kif jirrizulta mid-dokumenti hawn annessi u mmarkati dokumenti RM1, RM2, RM3 din is-socjeta spiccat minghajr ma giet likwidata u dan billi l-kumpannija kienet soggetta ghal divizjoni. Nippreciza wkoll li l-claim tas-socjeta attrici Citadel hija fil-konfront ta' din is-socjeta li giet ineffettiva u cioe' dik li ggib in-numru ta' registrazzjoni C 6147"*.

6. Fis-seduta tat-12 ta' Frar 2002 Dr. Luciano Busuttil iddikjara li *"l-obbligi tas-socjeta konvenuta assumiethom is-socjeta Mifsud Investment Ltd"* (fol. 88). Fatt li huwa kkonfermat mid-*draft terms of division* (fol. 47).

7. Skond l-Artikolu 371(1) tal-Att XXV ta' l-1995:

*"Qsim ikollu l-konsegwenzi li gejjin -*

*(a) il-kumpanniji ricevituri jidhlu ghall-attiv, jeddijiet, passiv u obbligazzjonijiet kollha tal-kumpannija li tkun se tinqasam,*

*kemm bejn il-kumpannija li tkun se tinqasam u l-kumpanniji ricevituri u dwar terzi, minghajr il-htiega ta' xi formalitajiet ohra barra minn dawk li johorgu minn din it-Taqsima;*

*(b) l-azzjonisti tal-kumpannija li tkun se tinqasam ghandhom isiru azzjonisti ta' wahda jew izjed mill-kumpanniji ricevituri; u*

*(c) il-kumpannija li tkun se tinqasam ghandha tieqaf milli tezisti".*

8. Mill-atti ma giex ippruvat li l-imsejjah fil-kawza jista' b'xi mod jinzamm responsabbli ghall-hlas. Ma jirrizultax li huwa baqa' jinnegozja f'isem is-socjeta Mifsud Brothers Ltd wara li saret il-qasma u giet imhassra minn fuq ir-Registru tal-Kumpanniji. Huwa minnu li baghat ittra datat 10 ta' Awissu 1998 (fol. 16) lis-socjeta attrici, pero' sa dakinhar ma jirrizultax li s-socjeta Mifsud Brothers Limited kienet giet maqsuma u m'ghadhiex tezisti. F'din l-ittra hemm ukoll indikazzjoni li l-kreditu favur is-socjeta attrici kien diga' jezisti. Kieku tressqet prova da parti tas-socjeta attrici li xi hadd baqa' jinnegozja f'isem kumpannija li ma baqghetx tezisti, l-affarijiet kien jinbidlu.

9. Qieghed jigi rizervat favur is-socjeta attrici kwalsiasi dritt li jista' jkollha fil-konfront tal-kumpanniji l-ohra ghat-tenur ta' l-Artikolu 368(3) ta' l-Att XXV ta' l-1995 [Kap. 386].

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal qieghed jilqa' t-talba tas-socjeta attrici u jikkundanna lis-socjeta Mifsud Investments Limited (C23023) thallas is-somma ta' elf mija u wiehed u tmenin lira Maltija u ghoxrin centezmu (Lm1,181.20), bl-imghax kif mitlub.

L-ispejjez huma kollha ghak-karigu tas-socjeta konvenuta Mifsud Investments Limited.

**Avukat Dr. Anthony Ellul**
**Gudikatur**